REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1801

tat-30 ta' Novembru 2020

li jiffissa r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sena kalendarja tal-2020

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/862 ([2]) iffissa r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tas-sena kalendarja tal-2020. Din ir-rata ta' aġġustament kienet ġiet stabbilita abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-kuntest tal-Abbozz tal-Baġit għall-2021, b'mod partikolari billi ġie meqjus ammont ta' dixxiplina finanzjarja ta' EUR 487,6 miljun għar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

(2) Dik ir-rata ta' aġġustament qieset ukoll il-ħtieġa li tiġi applikata dixxiplina finanzjarja sabiex jiġu rrispettati l-limiti massimi annwali msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kif previst fl-Artikolu 26(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Madankollu, filwaqt li l-ħtieġa għal dixxiplina finanzjarja tibqa' ta' EUR 487,6 miljun għar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu, l-informazzjoni disponibbli b'rabta mal-Ittra Emendatorja tal-Kummissjoni Nru 1 li ġejja tal-Abbozz tal-Baġit għall-2021 li tkopri l-previżjonijiet għall-pagamenti diretti u għan-nefqa relatata mas-suq, turi li jeħtieġ li tiġi adattata r-rata tad-dixxiplina finanzjarja stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/862.

(4) B'hekk, abbażi tal-informazzjoni l-ġdida li għandha f'idejha l-Kummissjoni, jixraq li f'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-rata ta' aġġustament tiġi adattata qabel l-1 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li għaliha tapplika r-rata ta' aġġustament.

(5) Il-proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([3]) għadha ma ġietx adottata. Għalhekk, bħala miżura ta' prekawzjoni u meta jitqies l-istadju diġà avvanzat ħafna tal-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-adozzjoni ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija għas-sena finanzjarja 2021 li jammonta għal EUR 40 368,0 miljun (sottolimitu kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020, aġġustat għat-trasferimenti nnotifikati mill-Istati Membri f'allokazzjonijiet bejn il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-pagamenti diretti), jintuża għall-kalkolu tar-rata ta' aġġustament.

(6) Bħala regola ġenerali, il-bdiewa li jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna għall-pagamenti diretti għal sena kalendarja waħda (N) jitħallsu fi żmien perjodu fiss tal-pagamenti fis-sena finanzjarja (N+1). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, fi ħdan ċerti limiti, iħallsu l-pagamenti lill-bdiewa wara dak il-perjodu tal-pagamenti. Dawn il-pagamenti li jsiru tard jistgħu jsiru f'sena finanzjarja sussegwenti. Meta d-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata għal sena kalendarja partikolari, jenħtieġ li r-rata ta' aġġustament ma tiġix applikata għal dawk il-pagamenti li għalihom ikunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna fi snin kalendarji li ma jkunux is-sena kalendarja li għaliha tapplika d-dixxiplina finanzjarja. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa, jixraq li jiġi previst li r-rata ta' aġġustament tiġi applikata biss għall-pagamenti li għalihom ikunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna fis-sena kalendarja li għaliha tapplika d-dixxiplina finanzjarja, irrispettivament minn meta jsir il-pagament lill-bdiewa.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/862 tad-19 ta' Ġunju 2020 li jiffissa r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sena kalendarja tal-2020 (ĠU L 197, 22.6.2020, p. 3).

([3]) COM(2020) 443 final.

(7) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jipprevedi li r-rata ta' aġġustament applikata għall-pagamenti diretti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 trid tapplika biss għall-pagamenti diretti li jaqbżu l-EUR 2 000 u li jridu jingħataw lill-bdiewa fis-sena kalendarja korrispondenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi li, minħabba l-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti, ir-rata ta' aġġustament trid tibda tapplika għall-Kroazja mill-1 ta' Jannar 2022 biss. Għalhekk jenħtieġ li r-rata ta' aġġustament li trid tiġi stabbilita permezz ta' dan ir-Regolament ma tapplikax għall-pagamenti lill-bdiewa f'dak l-Istat Membru.

(8) Għall-kalkolu tal-pagamenti kollha li jridu jingħataw lil bidwi għal applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata għas-sena kalendarja 2020, jenħtieġ li titqies ir-rata ta' aġġustament adattata. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/862 jitħassar.

(9) Sabiex jiġi żgurat li r-rata ta' aġġustament adattata tkun tapplika mid-data minn meta jridu jibdew isiru l-pagamenti lill-bdiewa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Diċembru 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-fini li tiġi ffissata r-rata ta' aġġustament prevista fl-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-ammonti ta' pagamenti diretti li jaqbżu l-EUR 2 000 fil-qafas tal-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 li jridu jingħataw lill-bdiewa għal applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata għas-sena kalendarja 2020, għandhom jitnaqqsu b'rata ta' aġġustament ta' 2,906192 %.

2. It-tnaqqis previst fil-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-Kroazja.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/862 jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).